# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**37/18**

**Minuti tas-sebgħa u tletin (37) Laqgħa tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar il-Ġimgħa 26 t'Ottubru fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużat:** | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier (raġunijiet mediċi) |
| **Pubbliku preżenti:** | Is-Sur Silvio Vella | | |
| | Is-Sur Martin Pace | | |

***Aġenda:***

1 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat: 35 (26/9/2012) u 36 (5/10/2012)
*2* Punti mqajma mill-minuti
*3* Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv
*4* *Schedule of Payment*
5 Kommunikazzjoni mis-Sindku
6 Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fil-17.42 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku u l-Kunsillieri bdew bit-talba.

## 2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat 35 u 36.

2.1 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk għandhomx xi korrezzjonijiet.

## 3 Sospenzjoni tal-Aġenda

3.1 Is-Sur Stephen Sultana talab għas-sospenzjoni tal-Aġenda ħalli jiddiskuti t-tema numru 3, il-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

3.2 Is-Sindku talab lis-Sur Sultana jekk kellux xi raġunijiet speċjali u s-Sur Sultana qal li waħda mir-raġunijiet hija li l-Kunsilliera s-Sinj Mariella Micallef kellha titlaq fis-7 ta' filgħaxija. Is-Sindku rrimarka li din ma kenitx raġuni għax jekk xejn l-istess Kunsilliera kellha tagħmel it-talba.

3.3 Is-Sur Sultana baqa' jtenni li waħda mir-raġunijiet kienet tas-Sinj Micallef peress li riedet titlaq fis-7.00 ta' filgħaxija.

3.4 Is-Sur Anastasi talab għal raġuni oħra iżda, s-Sur Sultana baqa' jsemmi l-istess raġuni. Is-Sindku qallu li huwa jrid jgħid għalfejn jixtieq jibda mit-tema numru 3 u mhux iwaħħal fis-Sinj Micallef. Is-Sur Sultana qal li jekk isib oġġezzjoni, jistgħu jmorru għall-Aġenda normali. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsillieri kollha riedux s-sospenzjoni u staqsa jekk hemmx xi ħadd li ma jaqbilx mal-proposta tas-Sur Sultana.

3.5 Is-Sindku stqarr li la kulħadd kien qed jaqbel kien qed jipproponi li wara li titlesta Tema 3 jkomplu b'Tema 4 u b'Tema 5, x-*Schedule of Payment* u tema numru 5 li hija l-Kommunikazzjoni tas-Sindku, rispettivament.

3.6 Is-Sur Sultana oġġezzjona għax qal li huwa għamel proposta fuq *item* 3 biss. Żied jgħid li imbagħad wara li tiġi eżawrita *item* 3, s-Sindku jmissu jitlob għal sospenzjoni u imbagħad jara jekk jaqblux li jkomplu fuq l-*items* li jmiss.

3.7 Is-Sindku reġa' ippropona li jmorru għal tema 3 u 4 li huma x-Sc*hedule of Payment* u Kommunikazzjoni tas-Sindku, rispettivament. Is-Sur Sultana qal li ma setax għax ried iressaq proposta wahda u stqarr li għandhom imorru għall-Aġenda kif kienet ippubblikata. Hawn is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk jaqblux li jidbew b'tema numru 3 - **l-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**, imbagħad imorru għal tema 4 li hija ***Schedule of Payment*** u tema 5 li hija **Kommunikazzjoni tas-Sindku**. Staqsa jekk hemmx minn kellu xi oġġezzjoni fuq din. Is-Sur Ronald staqsa x'hemm fil-Kommunikazzjoni tas-Sindku, u s-Sindku qal li jrid jitkellem fuq il-Ġieħ, l-Ark, it-Tenders u diversi affarijiet oħra importantissimi. Hawnhekk is-Sur Sultana reġa' oġġezzjona. Is-Sindku talab għal vot imma, s-Sur Sultana qal li fuq sospenzjoni tar-regolamenti m'hemmx vot u li talab lis-Sindku biex jara l-liġi. Is-Sindku staqsa minn kien favur għal dak li ppropona hu. Is-Sindku, s-Sur Briffa u -Sinj Micallef kienu favur is-Sindku. Is-Sur Sultana baqa jsostni li skont il-liġi m'għandhomx għalfejn jieħdu vot.

3.8 Kemm is-Sindku kif ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv (ASE) bdew ifittxu l-liġi li semma' s-Sur Sultana imma wara xi ħin, is-Sindku stqarr li din il-ligi li semma' is-Sur Sultana ma nstabitx. Is-Sur Formosa stqarr lill-ASE suppost taf il-liġi. Is-Sindku qal li la huwa u l-anqas l-ASE ma sabu din il-parti tal-liġi u nforma lis-Sur Sultana biex jindika min fejn ikwota l-imsemmija liġi.

3.9 Is-Sindku ppropona li jmorru għat-temi li kienu diġa' ssemmew imma, s-Sur Sultana qal li ser jwaqqa' s-sospensjoni. Is-Sindku stqarr li ma kienx sewwa lis-Sur Sultana jaġixxi b'dan il-mod u li ma kienx korret f'dak li kien qed jallega.

3.10. Is-Sur Sultana wieġeb billi qal lis-Sindku biex jipproponiha kemm irid għax kien se jkollu jkompli l-laqgħa waħdu.

3.11 Kif is-Sur Sultana u l-Kunsillieri Cleaven Bugeja u Edwin Formosa kienu ħerġin mill-Kamra ta' fejn kienet qed tinżamm il-laqgħa, s-Sindku qalilhom li kien se jistenna sa nofsiegħa.

3.12 Is-Sindku dar fuq l-ASE u qalilha biex tniżżel il-ħin li, kienu s-6 ta' filgħaxija u s-Sur Sultana li, baqa' jistenna fil-kurridur ta' biswit il-kamra ta' fejn kienet qed tinżamm il-laqgħa mal-Kunsillieri msemmija, rrimarka li s-Sindku seta' jibqa' jistenna sas-7.

3.13 Is-Sur Anastasi, s-Sur Briffa u s-Sinj Micallef baqgħu jistennew fil-kamra. Wara nofs siegħa ta' stennija, fis-6.30 ta' filgħaxija, s-Sindku stqarr li l-laqgħa ma tistax titkompla għax ma kienx hemm kworum u l-Viċi Sindku Ronald Briffa u l-Kunsilliera Mariella Micallef telqu 'l hinn ma' żewġ persuni---Martin Pace u Silvio Vella, li kienu preżenti waqt l-imsemmija laqgħa.

4 Il-laqgħa spiċċat bla kworum fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 6 ta' Diċembru, 2012